DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/479

tal-20 ta' Marzu 2018

dwar l-iskema ta' għajnuna nazzjonali fit-tul għall-agrikoltura fir-reġjuni tat-Tramuntana tal-Iżvezja

(notifikata bid-dokument C(2018) 1622)

(It-test bl-Iżvediż biss huwa awtentiku)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat l-Att tal-Adeżjoni fl-Unjoni Ewropea tal-Awstrija, il-Finlandja u l-Iżvezja, u b'mod partikolari l-Artikolu 142 tiegħu,

Billi:

(1) Permezz tad-Deċiżjoni 96/228/KE ([1]), il-Kummissjoni kienet approvat l-iskema ta' għajnuna nazzjonali fit-tul għall-agrikoltura fir-reġjuni tat-Tramuntana tal-Iżvezja ("l-iskema tal-għajnuna Nordika") kif innotifikat mill-Iżvezja skont l-Artikolu 143 tal-Att tal-Adeżjoni fir-rigward tal-awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 142 tal-Att tal-Adeżjoni. Id-Deċiżjoni 96/228/KE ġiet sostitwita bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2010) 6050 ([2]). Dik id-Deċiżjoni ġiet emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2015)6592 ([3]).

(2) Permezz ta' ittra tas-17 ta' Novembru 2017, l-Iżvezja pproponiet li l-Kummissjoni temenda d-Deċiżjoni C(2010) 6050 sabiex tiġi ssimplifikata l-amministrazzjoni tal-iskema u biex jitqies it-tibdil fil-politika agrikola komuni, kif ukoll l-iżviluppi ekonomiċi fl-agrikoltura fir-reġjuni tat-Tramuntana tal-Iżvezja. Fis-6 ta' Diċembru 2017, l-Iżvezja bagħtet iktar informazzjoni dwar il-proposta lill-Kummissjoni.

(3) Minħabba l-emendi li saru fid-Deċiżjoni C(2010) 6050 u l-għadd ta' emendi preċedenti, jixraq li dik id-Deċiżjoni tiġi sostitwita b'Deċiżjoni ġdida.

(4) L-għajnuna nazzjonali fit-tul imsemmija fl-Artikolu 142 tal-Att tal-Adeżjoni hija maħsuba biex tiżgura li l-attività agrikola tinżamm fir-reġjuni tat-Tramuntana kif determinat mill-Kummissjoni.

(5) Meta jitqiesu l-fatturi msemmija fl-Artikolu 142(1) u (2) tal-Att tal-Adeżjoni, jixraq li jiġu speċifikati l-unitajiet amministrattivi, miġbura skont is-sottoreġjuni, li jinsabu fit-Tramuntana tat-62 parallel jew ħdejn dak il-parallel, u li huma milquta minn kundizzjonijiet klimatiċi komparabbli li jagħmlu l-attività agrikola partikolarment diffiċli. Dawn is-sottoreġjuni għandhom densità tal-popolazzjoni ta' 10 abitanti jew inqas għal kull kilometru kwadru, erja agrikola użata (EAU) meqjusa li jiffurmaw 10 % jew inqas tal-erja tas-superfiċje sħiħa tal-muniċipalità, u parti mill-EAU ta' 20 % jew inqas użata għal għelejjel li jinħartu maħsuba għall-konsum mill-bniedem. Is-sottoreġjuni mdawra minn oħrajn f'dawn iż-żoni jenħtieġ li jiġu inklużi, anki meta dawn ma jissodisfawx l-istess rekwiżiti.

(6) Sabiex tiġi ffaċilitata l-amministrazzjoni tal-iskema u biex tiġi kkordinata ma' appoġġ skont ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]), jixraq li fiż-żoni li jirċievu l-għajnuna skont din id-Deċiżjoni jiġu inklużi l-istess unitajiet muniċipali bħal dawk li jappartjenu għaż-żona delimitata skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 32(2) tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Programm tal-Iżvilupp Rurali.

(7) Bl-użu tal-istatistika nazzjonali disponibbli bħala bażi u bil-ħsieb li tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tas-setturi kollha ta' produzzjoni, jenħtieġ li s-sena 1993 tkun il-perjodu referenzjarju li jrid jitqies fir-rigward tal-iżvilupp tal-produzzjoni agrikola u l-livell tal-appoġġ ġenerali.

([1]) ĠU L 76, 26.3.1996, p. 29.

([2]) Commission Decision C(2010) 6050 of 8 September 2010 on a long-term national aid scheme to assist farmers in northern areas of Sweden.

([3]) Commission Implementing Decision C(2015) 6592 of 1 October 2015 amending Decision C(2010) 6050 on the long-term national aid scheme for agriculture in the northern regions of Sweden.

([4]) Ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 487)

(8) Skont l-Artikolu 142 tal-Att tal-Adeżjoni, l-ammont totali tal-għajnuna mogħtija jenħtieġ li jkun biżżejjed biex tinżamm attività agrikola fir-reġjuni tat-Tramuntana tal-Iżvezja, iżda l-appoġġ ġenerali ma għandux jaqbeż il-livell tal-appoġġ waqt il-perjodu referenzjarju ta' qabel l-adeżjoni, li jrid jiġi stabbilit. Sabiex jingħata appoġġ skont l-Artikolu 142 tal-Att tal-Adeżjoni f'livell adegwat, filwaqt li jitqiesu l-ispejjeż tal-produzzjoni attwali mingħajr ma jinqabeż il-livell tal-appoġġ stabbilit waqt il-perjodu referenzjarju ta' qabel l-adeżjoni, jixraq li meta jiġi stabbilit il-livell massimu tal-għajnuna permess skont dak l-Artikolu, jitqies l-iżvilupp fl-indiċi tal-prezzijiet tal-konsumatur mill-1993 sal-2017 fl-Iżvezja.

(9) Għaldaqstant, abbażi tad-dejta tal-2017 u meta jitqiesu l-perjodi tar-rapportar ta' ħames snin stabbiliti fl-Artikolu 143(2) tal-Att tal-Adeżjoni, jenħtieġ li l-ammont massimu ta' għajnuna annwali jiġi stabbilit għal SEK 422,92 miljun, ikkalkulat bħala medja fuq perjodu ta' ħames snin mill-1 ta' Jannar 2018 sal-31 ta' Diċembru 2022.

(10) Sabiex tiġi ssimplifikata l-iskema tal-għajnuna Nordika u biex l-Iżvezja jkollha l-flessibilità biex l-għajnuna tingħata lil setturi ta' produzzjoni differenti, jenħtieġ li jiġi stabbilit ammont massimu ta' għajnuna medja annwali għall-appoġġ totali, inkluż appoġġ massimu separat għall-produzzjoni u t-trasport tal-ħalib tal-baqra bil-ħsieb li tiġi żgurata d-distribuzzjoni bilanċjata tal-appoġġ.

(11) Jenħtieġ li din l-għajnuna tingħata kull sena abbażi tal-fatturi ta' produzzjoni (unitajiet ta' bhejjem u ettari), minbarra l-ħalib tal-baqra li jenħtieġ li jingħata abbażi tal-unitajiet ta' produzzjoni (kilogrammi) fi ħdan il-limiti totali stabbiliti b'din id-Deċiżjoni.

(12) Bil-ħsieb li jiġu permessi reazzjonijiet rapidi għall-volatilità tal-prezzijiet tal-produzzjoni agrikola u li jinżammu l-attivitajiet agrikoli fir-reġjuni tat-Tramuntana tal-Iżvezja, jixraq li għal kull sena kalendarja, l-Iżvezja titħalla tistabbilixxi l-ammont tal-għajnuna għal kull settur fi ħdan kategorija ta' għajnuna u għal kull unità ta' produzzjoni.

(13) Jenħtieġ li l-Iżvezja tiddistingwi l-għajnuna fir-reġjuni tat-Tramuntana tagħha u tistabbilixxi ammonti ta' għajnuna annwali skont is-severità tal-iżvantaġġi naturali u kriterji oġġettivi, trasparenti u ġustifikati oħra marbuta mal-għanijiet stipulati fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 142(3) tal-Att tal-Adeżjoni, li huma ż-żamma tal-produzzjoni primarja u l-iproċessar tradizzjonali adattati b'mod partikolari għall-kundizzjonijiet klimatiċi tar-reġjuni kkonċernati, it-titjib fl-istrutturi għall-produzzjoni, il-kummerċjalizzazzjoni u l-ipproċessar tal-prodotti agrikoli, li jiġi ffaċilitat id-disponiment ta' dawn il-prodotti, u li jiġi żgurat il-ħarsien tal-ambjent u l-konservazzjoni tal-pajżaġġ.

(14) Jenħtieġ li l-għajnuna titħallas kull sena abbażi tan-numru attwali tal-fatturi ta' produzzjoni eliġibbli. Madankollu, jenħtieġ li l-Iżvezja titħalla tħallas l-għajnuna f'pagamenti kull xahar għall-ħalib tal-baqra, għat-tiġieġ tal-bajd u għall-ħnieżer għall-qatla, kif ukoll għat-trasport tal-ħalib tal-baqra. L-għajnuna għall-ħalib tal-baqra għandha tkun ibbażata fuq il-produzzjoni attwali sabiex tiġi żgurata l-kontinwità fil-produzzjoni.

(15) Jenħtieġ li jiġi evitat ir-riskju li jingħata kumpens żejjed lill-prodotturi billi jiġu rkuprati pagamenti mhux dovuti mill-iktar fis u sa mhux aktar tard mill-1 ta' Ġunju tas-sena ta' wara.

(16) Kif previst fl-Artikolu 142(2) tal-Att ta' Adeżjoni, jenħtieġ li l-għajnuna mogħtija skont din id-Deċiżjoni ma twassalx għal żieda fil-produzzjoni ġenerali meta mqabbla mal-livell ta' produzzjoni tradizzjonali fiż-żona koperta mill-iskema tal-għajnuna Nordika.

(17) Għaldaqstant, hemm bżonn li jiġi stabbilit numru massimu annwali ta' fatturi ta' produzzjoni eliġibbli għal kull kategorija ta' għajnuna, u ammont massimu annwali eliġibbli għall-produzzjoni tal-ħalib tal-baqra, fl-istess livell jew inqas minn dak tal-perjodi referenzjarji.

(18) Sabiex jiġu rispettati l-medji ta' ħames snin, meta n-numru ta' fatturi ta' produzzjoni f'kategorija, jew l-ammont ta' produzzjoni tal-ħalib tal-baqra, jaqbeż il-livell massimu f'sena partikolari, jenħtieġ li n-numru ta' fatturi ta' produzzjoni jew l-ammont ta' ħalib tal-baqra eliġibbli jitnaqqas b'numru korrispondenti ta' fatturi ta' produzzjoni fis-sena kalendarja ta' wara s-sena li jinqabeż l-ammont massimu, għajr għall-għajnuna għat-trasport tal-ħalib tal-baqra, għat-tiġieġ tal-bajd u għall-ħnieżer għall-qatla, u għall-ħalib tal-baqra li l-ammont eliġibbli għalihom jista' jitnaqqas b'ammont li jikkorrispondi għall-ammont żejjed fl-aħħar xahar tas-sena li fiha jinqabeż l-ammont massimu.

(19) L-Iżvezja trid tagħti l-informazzjoni dwar l-implimentazzjoni u l-effetti tal-għajnuna lill-Kummissjoni, skont l-Artikolu 143(2) tal-Att tal-Adeżjoni. Sabiex jiġu vvalutati aħjar l-effetti fit-tul tal-għajnuna u bil-ħsieb li jiġu stabbiliti l-livelli tal-għajnuna bħala medji ta' ħames snin, huwa xieraq li jsir rapport fuq l-effetti soċjoekonomiċi tal-għajnuna kull ħames snin u jingħataw rapporti annwali li jkun fihom informazzjoni finanzjarja jew ta' implimentazzjoni oħra meħtieġa biex tiġi żgurata l-konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti f'din id-Deċiżjoni.

(20) Huwa xieraq li jiġu speċifikati r-regoli applikabbli għall-emendi tal-iskema introdotti mill-Kummissjoni jew proposti mill-Iżvezja sabiex jitħarsu l-aspettattivi leġittimi tal-benefiċjarji tal-għajnuna u biex tiġi żgurata l-kontinwità tal-iskema ħalli jkunu jistgħu jiġu segwiti b'mod effiċjenti l-għanijiet tal-Artikolu 142 tal-Att tal-Adeżjoni.

(21) Jenħtieġ li l-Iżvezja tiżgura li jittieħdu l-miżuri ta' kontroll xierqa fejn jidħlu l-benefiċjarji tal-għajnuna. Sa fejn huwa possibbli, jenħtieġ li dawk il-miżuri ta' kontroll ikunu allinjati ma' dawk imwettqa skont il-politika agrikola komuni, sabiex tiġi żgurata l-effettività ta' dawk il-miżuri u t-trasparenza fl-implimentazzjoni tal-iskema tal-għajnuna Nordika.

(22) Sabiex jintlaħaq l-għan taż-żamma ta' produzzjoni, kif iddikjarat fl-Artikolu 142 tal-Att tal-Adeżjoni, u biex tiġi ffaċilitata l-amministrazzjoni tal-għajnuna, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tapplika mill-1 ta' Jannar 2018.

(23) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni C(2010) 6050 titħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2018. Huwa xieraq li jiġu previsti miżuri tranżizzjonali fir-rigward tar-rapportar skont l-Artikolu 142 tal-Att tal-Adeżjoni, dwar l-appoġġ imħallas fl-2017 skont id-Deċiżjoni C(2010) 6050,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għajnuna awtorizzata

1. Mill-1 ta' Jannar 2018 sal-31 ta' Diċembru 2022, l-Iżvezja hija awtorizzata li timplimenta skema ta' għajnuna fit-tul għall-agrikoltura fir-reġjuni tat-Tramuntana tagħha elenkati fl-Anness I.

2. L-ammont totali tal-għajnuna mogħtija ma għandux jaqbeż SEK 422,92 miljun kull sena kalendarja. L-ammonti massimi annwali għandhom jiġu kkunsidrati bħala medji annwali tal-għajnuna mogħtija fil-perjodu ta' ħames snin kalendarji koperti b'din id-Deċiżjoni.

3. Il-kategoriji tal-għajnuna u s-setturi ta' produzzjoni għal kull kategorija, l-ammonti medji massimi annwali permessi, kif speċifikat fil-paragrafu 2, inkluż l-ammont massimu separat għall-produzzjoni u t-trasport tal-ħalib tal-baqra, kif ukoll in-numru massimu annwali tal-fatturi ta' produzzjoni eliġibbli għal kull kategorija ta' għajnuna, huma stabbiliti fl-Anness II.

4. L-għajnuna għandha tingħata abbażi tal-fatturi ta' produzzjoni jew l-ammonti ta' produzzjoni eliġibbli kif ġej:

(a) kull kilogramma ta' ħalib tal-produzzjoni attwali għall-produzzjoni tal-ħalib tal-baqra;

(b) kull unità ta' bhejjem għat-trobbija tal-annimali;

(c) kull ettaru għall-produzzjoni tal-għelejjel u l-ortikultura, inkluż il-frott artab;

(d) bħala kumpens għall-ispejjeż attwali tat-trasport tal-ħalib tal-baqra, bi tnaqqis ta' kwalunkwe appoġġ pubbliku ieħor għall-istess spejjeż.

Tista' tingħata għajnuna marbuta biss mal-ammonti ta' produzzjoni lill-produzzjoni tal-ħalib tal-baqra, u l-għajnuna ma għandha qatt tkun marbuta ma' produzzjoni futura.

Ir-rati tal-konverżjoni f'unitajiet ta' bhejjem għal tipi differenti ta' bhejjem huma stabbiliti fl-Anness II.

5. Skont il-paragrafu 3 u fil-limiti stabbiliti fl-Anness II, l-Iżvezja għandha tiddistingwi l-għajnuna fir-reġjuni tat-Tramuntana tagħha u tistabbilixxi ammonti ta' għajnuna annwali għal kull fattur ta' produzzjoni, spiża jew unità ta' produzzjoni abbażi tal-kriterji oġġettivi marbuta mal-iżvantaġġi naturali u fatturi oħra li jgħinu biex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 142(3) tal-Att tal-Adeżjoni.

Artikolu 2

Perjodi Referenzjarji

Il-perjodu referenzjarju msemmi fit-tieni inċiż tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 142(3) tal-Att tal-Adeżjoni għandu jkun l-1993 fir-rigward kemm tal-kwantitajiet kif ukoll tal-livell tal-appoġġ stabbiliti fl-Artikolu 1 ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Kundizzjonijiet għall-għoti tal-għajnuna

1. Fil-limiti previsti f'din id-Deċiżjoni, l-Iżvezja għandha tistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-għoti tal-għajnuna lid-diversi kategoriji ta' benefiċjarji. Dawn il-kundizzjonijiet għandhom jinkludu l-kriterji ta' eliġibbiltà u għażla applikati u jiżguraw it-trattament indaqs tal-benefiċjarji.

2. L-għajnuna għandha titħallas lill-benefiċjarji abbażi tal-fatturi ta' produzzjoni attwali jew, fir-rigward tal-produzzjoni tal-ħalib tal-baqra, l-ammont tal-produzzjoni attwali, imsemmija fl-Artikolu 1(4).

3. L-għajnuna għandha titħallas kull sena, għajr għall-ħalib tal-baqra, l-għajnuna għat-trasport tal-ħalib tal-baqra, it-tiġieġ tal-bajd u l-ħnieżer għall-qatla li l-għajnuna għalihom tista' titħallas f'pagamenti kull xahar.

4. Meta jinqabżu n-numru massimu annwali tal-fatturi ta' produzzjoni jew l-ammonti eliġibbli għall-għajnuna, kif stabbilit fl-Anness II, għandhom jitqiesu bħala tnaqqis korrispondenti fin-numru tal-fatturi ta' produzzjoni fis-sena ta' wara l-qbiż meta l-għajnuna titħallas f'pagamenti annwali jew fl-aħħar tax-xahar meta l-għajnuna titħallas fix-xahar.

5. L-Iżvezja għandha tieħu l-miżuri xierqa biex tevita il-qbiż imsemmi fil-paragrafu 4 meta abbażi tal-projezzjonijiet statistiċi uffiċjali jew verifikati uffiċjalment, dan il-qbiż ikun jidher probabbli.

6. Pagament żejjed jew pagament mhux dovut lil benefiċjarju għandu jiġi rkuprat billi jitnaqqsu l-ammonti korrispondenti mill-għajnuna mħallsa lill-benefiċjarju s-sena ta' wara jew jiġi rkuprat mod ieħor f'dik is-sena meta ma tkun dovuta l-ebda għajnuna lill-benefiċjarju. L-ammonti mhux dovuti għandhom jiġu rkuprati sal-1 ta' Ġunju tas-sena ta' wara.

Artikolu 4

Miżuri ta' informazzjoni u ta' kontroll

1. Bħala parti mill-informazzjoni prevista skont l-Artikolu 143(2) tal-Att tal-Adeżjoni, kull sena qabel l-1 ta' Ġunju, l-Iżvezja għandha tippreżenta lill-Kummissjoni l-informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-għajnuna mogħtija skont din id-Deċiżjoni waqt is-sena kalendarja ta' qabel.

L-informazzjoni għandha tinkludi b'mod partikolari:

(a) l-identifikazzjoni tal-unitajiet muniċipali li fihom titħallas l-għajnuna permezz ta' mappa dettaljata u fejn meħtieġ permezz ta' dejta oħra;

(b) il-produzzjoni totali, li tkopri s-sena rrapportata, tas-sottoreġjuni eliġibbli għall-għajnuna skont din id-Deċiżjoni, espressa fi kwantitajiet għal kull wieħed mill-prodotti speċifikati fl-Anness II;

(c) in-numru totali tal-fatturi ta' produzzjoni u l-kwantitajiet, in-numru tal-fatturi ta' produzzjoni u l-kwantitajiet eliġibbli għall-għajnuna u n-numru tal-fatturi ta' produzzjoni u l-kwantitajiet appoġġati għal kull settur ta' produzzjoni speċifikat fl-Anness II bi tqassim għal kull prodott f'kull settur, inkluż l-indikazzjoni ta' kwalunkwe qbiż tan-numru massimu annwali permess ta' fatturi ta' produzzjoni u kwantitajiet, kif ukoll id-deskrizzjoni tal-miżuri, jekk ikun hemm, meħuda sabiex jiġi evitat il-qbiż;

(d) l-għajnuna totali mħallsa, l-ammont totali ta' għajnuna għal kull kategorija ta' għajnuna u t-tip ta' produzzjoni, l-ammonti mħallsin lill-benefiċjarji għal kull fattur ta' produzzjoni/unità oħra, kif ukoll il-kriterji biex issir differenza bejn l-ammonti ta' għajnuna għas-sottoreġjuni u t-tipi ta' azjendi agrikoli jew abbażi ta' kunsiderazzjonijiet oħra;

(e) is-sistema ta' pagament applikata bid-dettalji li jikkonċernaw kwalunkwe ħlas bil-quddiem ibbażati fuq stimi, pagamenti finali, kif ukoll pagamenti żejda osservati u l-irkupru tagħhom;

(f) l-ammonti tal-għajnuna mħallsa skont l-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 fl-unitajiet amministrattivi koperti b'din id-Deċiżjoni;

(g) ir-referenzi għal-leġiżlazzjoni nazzjonali fejn tkun implimentata l-għajnuna.

2. Qabel l-1 ta' Ġunju 2023, minbarra r-rapport annwali li jkopri s-sena 2022, l-Iżvezja għandha tippreżenta rapport lill-Kummissjoni li jkopri perjodu ta' ħames snin mill-1 ta' Jannar 2018 sal-31 ta' Diċembru 2022. Dan ir-rapport għandu jkopri l-appoġġ mogħti skont id-Deċiżjoni C(2010) 6050 matul l-2016 u l-2017.

Dak ir-rapport għandu jindika b'mod partikolari:

(a) it-total tal-għajnuna mħallsa matul il-perjodu ta' ħames snin u t-tqassim tiegħu fost il-kategoriji tal-għajnuna, it-tipi ta' produzzjoni u s-sottoreġjuni;

(b) għal kull kategorija ta' għajnuna, l-ammonti totali tal-produzzjoni kull sena, u għal perjodu ta' ħames snin, in-numru ta' fatturi ta' produzzjoni u l-livelli tad-dħul tal-bdiewa fir-reġjuni eliġibbli għall-għajnuna;

(c) l-evoluzzjoni tal-produzzjoni agrikola, l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni fil-kuntest soċjali u ekonomiku tar-reġjuni tat-Tramuntana;

(d) l-effetti tal-għajnuna fuq il-ħarsien tal-ambjent u l-konservazzjoni tal-pajżaġġ;

(e) il-proposti għall-iżvilupp fuq terminu medju tal-għajnuna bbażati fuq id-dejta ppreżentata fir-rapport.

3. L-Iżvezja għandha tipprovdi d-dejta f'forma kompatibbli mal-istandards statistiċi użati mill-Unjoni.

4. L-Iżvezja għandha tieħu l-passi kollha meħtieġa biex tapplika din id-Deċiżjoni u l-miżuri ta' kontroll xierqa fejn jidħlu l-benefiċjarji tal-għajnuna.

5. Sa fejn possibbli, il-miżuri ta' kontroll għandhom ikunu armonizzati mas-sistemi ta' kontroll applikati skont l-iskemi ta' appoġġ tal-Unjoni.

Artikolu 5

Applikazzjoni ta' kwalunkwe emenda

1. Abbażi tal-informazzjoni dwar l-iskema tal-appoġġ imsemmija fl-Artikolu 4, u wara li tikkunsidra l-kuntest nazzjonali u tal-Unjoni tal-produzzjoni agrikola, kif ukoll fatturi rilevanti oħra, fl-2022 l-Iżvezja għandha tagħmel proposti xierqa lill-Kummissjoni biex l-għajnuna awtorizzata skont din id-Deċiżjoni tiġi emendata u estiża għal perjodu ta' ħames snin.

2. Jekk il-Kummissjoni tiddeċiedi li temenda din id-Deċiżjoni, b'mod partikolari abbażi ta' kwalunkwe bidla fl-organizzazzjonijiet tas-suq komuni jew fl-iskema tal-appoġġ dirett jew bidla fir-rata ta' kwalunkwe għajnuna agrikola tal-Istat nazzjonali awtorizzata, kwalunkwe emenda fl-għajnuna awtorizzata b'din id-Deċiżjoni għandha tapplika biss mis-sena ta' wara dik li tiġi adottata l-emenda.

Artikolu 6

Tħassir

Id-Deċiżjoni C(2010) 6050 titħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2018.

Madankollu, l-Artikolu 6(1) ta' dik id-Deċiżjoni għandu jkompli japplika għall-għajnuna mogħtija fl-2017 skont dik id-Deċiżjoni.

Artikolu 7

Applikazzjoni

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2018.

Artikolu 8

Destinatarju

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tal-Iżvezja.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Marzu 2018.

Għall-Kummissjoni
Phil HOGAN
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

SOTTOREĠJUN 1

Provinċja	Unità muniċipali	Parroċċa
Dalarna	Älvdalen	Idre
Jämtland	Krokom	Hotagen
	Strömsund	Frostviken
	Åre	Åre
		Kall
		Undersåker
	Berg	Storsjö
	Härjedalen	Linsell
		Hede
		Ljusnedal
		Tännäs
Västerbotten	Storuman	Tärna
	Sorsele	Sorsele
	Dorotea	Risbäck
	Vilhelmina	Vilhelmina
Norrbotten	Arvidsjaur	Arvidsjaur
	Arjeplog	Arjeplog
	Jokkmokk	Jokkmokk
		Porjus
	Pajala	Muonionalusta
		Junosuando
	Gällivare	Gällivare
		Nilivaara
		Malmberget
	Kiruna	Jukkasjärvi
		Vittangi
		Karesuando
Żona agrikola tas-sottoreġjun 1		**6 700 ha**

SOTTOREĠJUN 2

Provinċja	Unità muniċipali	Distrett
Dalarna	Malung	Lima
		Transtrand
	Älvdalen	Särna
Västernorrland	Örnsköldsvik	Trehörningsjö
Jämtland	Ragunda	Borgvattnet
		Stugun

Provinċja	Unità muniċipali	Distrett
	Bräcke	Bräcke
		Nyhem
		Håsjö
		Sundsjö
		Revsund
		Bodsjö
	Krokom	Näskott
		Aspås
		Ås
		Laxsjö
		Föllinge
		Offerdal
		Alsen
	Strömsund	Ström
		Alanäs
		Gåxsjö
		Hammerdal
		Bodum
		Tåsjö
	Åre	Mattmar
		Mörsil
		Hallen
	Berg	Berg
		Hackås
		Oviken
		Myssjö
		Åsarne
		Klövsjö
		Rätan
	Härjedalen	Sveg
		Vemdalen
		Ängersjö
		Lillhärdal
	Östersund	Östersund
		Frösö
		Sunne
		Näs
		Lockne
		Marieby
		Brunflo
		Kyrkås
		Lit
		Häggenås

Provinċja	Unità muniċipali	Distrett
Västerbotten	Vindeln	Vindeln
		Åmsele
	Norsjö	Norsjö
	Malå	Malå
	Storuman	Stensele
	Sorsele	Gargnäs
	Dorotea	Dorotea
	Åsele	Åsele
		Fredrika
	Lycksele	Lycksele
		Björksele
		Örträsk
	Skellefteå	Boliden
		Fällfors
		Jörn
		Kalvträsk
Norrbotten	Jokkmokk	Vuollerim
	Övertorneå	Svanstein
	Pajala	Pajala
		Korpilombolo
		Tärendö
	Gällivare	Hakkas
Żona agrikola tas-sottoreġjun 2		**46 600 ha**

SOTTOREĠJUN 3

Provinċja	Unità muniċipali	Distrett
Värmland	Torsby	Södra Finnskoga
Dalarna	Älvdalen	Älvdalen
Gävleborg	Nordanstig	Hassela
	Ljusdal	Hamra
		Los
		Kårböle
Västernorrland	Ånge	Haverö
	Timrå	Ljustorp
	Härnösand	Stigsjö
		Viksjö
	Sundsvall	Indal
		Holm
		Liden
	Kramfors	Nordingrå
		Vibyggerå
		Ullånger
		Torsåker

Provinċja	Unità muniċipali	Distrett
	Sollefteå	Graninge
		Junsele
		Edsele
		Ramsele
	Örnsköldsvik	Örnsköldsvik
		Anundsjö
		Skorped
		Sidensjö
		Nätra
		Själevad
		Mo
		Gideå
		Björna
Jämtland	Ragunda	Ragunda
	Bräcke	Hällesjö
	Krokom	Rödön
	Strömsund	Fjällsjö
	Åre	Marby
	Härjedalen	Älvros
		Överhogdal
		Ytterhogdal
	Östersund	Norderö
Västerbotten	Nordmaling	Nordmaling
	Bjurholm	Bjurholm
	Robertsfors	Bygdeå
		Nysätra
	Vännäs	Vännäs
	Umeå	Umeå Landsförsamling
		Tavelsjö
		Sävar
	Skellefteå	Skellefteå Landsförsamling
		Kågedalen
		Byske
		Lövånger
		Burträsk
Norrbotten	Överkalix	Överkalix
	Kalix	Nederkalix
		Töre
	Övertorneå	Övertorneå
		Hietaniemi
	Älvsbyn	Älvsby
	Luleå	Luleå Domkyrkoförsamling
		Örnäset
		Nederluleå
		Råneå

Provinċja	Unità muniċipali	Distrett
	Piteå	Piteå Stadsförsamling
		Hortlax
		Piteå Landsförsamling
		Norrfjärden
	Boden	Överluleå
		Gunnarsbyn
		Edefors
		Sävast
	Haparanda	Nedertorneå-Haparanda
		Karl Gustav
Żona agrikola tas-sottoreġjun 3		**108 650 ha**

SOTTOREĠJUN 4

Provinċja	Unità muniċipali	Distrett
Värmland	Torsby	Lekvattnet
		Nyskoga
		Norra Finnskoga
		Dalby
		Norra Ny
	Filipstad	Rämmen
	Hagfors	Gustav Adolf
Dalarna	Vansbro	Järna
		Nås
		Äppelbo
	Malung	Malung
	Rättvik	Boda
		Ore
	Orsa	Orsa
	Mora	Våmhus
		Venjan
	Falun	Bjursås
	Ludvika	Säfsnäs
Gävleborg	Ovanåker	Ovanåker
		Voxna
	Nordanstig	Ilsbo
		Harmånger
		Jättendal
		Gnarp
		Bergsjö
	Ljusdal	Ljusdal
		Färila
		Ramsjö
		Järvsö

Provinċja	Unità muniċipali	Distrett
	Bollnäs	Rengsjö
		Undersvik
		Arbrå
	Hudiksvall	Bjuråker
Västernorrland	Ånge	Borgsjö
		Torp
	Timrå	Timrå
		Hässjö
		Tynderö
	Härnösand	Härnösands Domkyrkoförsamling
		Högsjö
		Häggdånger
		Säbrå
		Hemsö
	Sundsvall	Sundsvalls Gustav Adol
		Skönsmon
		Skön
		Alnö
		Sättna
		Selånger
		Stöde
		Tuna
		Attmar
		Njurunda
	Kramfors	Gudmundrå
		Nora
		Skog
		Bjärtrå
		Styrnäs
		Dal
		Ytterlännäs
	Sollefteå	Sollefteå
		Multrå
		Långsele
		Ed
		Resele
		Helgum
		Ådals-Liden
		Boteå
		Överlännäs
		Sånga
	Örnsköldsvik	Arnäs
		Grundsunda

Provinċja	Unità muniċipali	Distrett
Jämtland	Ragunda	Fors
Västerbotten	Umeå	Umeå Stadsförsamling
		Teg
		Ålidhem
		Holmsund
		Hörnefors
		Holmön
		Umeå Maria
	Skellefteå	Skellefteå Sankt Olov
		Skellefteå Sankt Örjan
		Bureå
Żona agrikola tas-sottoreġjun 4		**69 050 ha**

SOTTOREĠJUN 5

Provinċja	Unità muniċipali	Distrett
Värmland	Kil	Boda
	Eda	Eda
		Järnskog
		Skillingmark
		Köla
	Torsby	Fryksände
		Vitsand
		Östmark
	Grums	Värmskog
	Årjäng	Silbodal
		Sillerud
		Karlanda
		Holmedal
		Blomskog
		Trankil
		Västra Fågelvik
		Töcksmark
		Östervallskog
	Sunne	Gräsmark
		Lysvik
	Filipstad	Gåsborn
	Hagfors	Hagfors
		Ekshärad
		Norra Råda
		Sunnemo

Provinċja	Unità muniċipali	Distrett
	Arvika	Arvika Östra
		Arvika Västra
		Stavnäs
		Högerud
		Glava
		Bogen
		Gunnarskog
		Ny
		Älgå
		Mangskog
		Brunskog
	Säffle	Svanskog
		Långserud
Dalarna	Gagnef	Mockfjärd
		Gagnef
		Floda
	Leksand	Leksand
		Djura
		Ål
		Siljansnäs
	Rättvik	Rättvik
	Mora	Mora
		Sollerön
	Falun	Svärdsjö
		Enviken
Gävleborg	Ockelbo	Ockelbo
	Ovanåker	Alfta
	Gävle	Hamrånge
	Söderhamn	Söderhamn
		Sandarne
		Skog
		Ljusne
		Söderala
		Bergvik
		Mo
		Trönö
		Norrala
	Bollnäs	Bollnäs
		Segersta
	Bollnäs	Hanebo

Provinċja	Unità muniċipali	Distrett
	Hudiksvall	Hudiksvall Idenor Hälsingtuna Rogsta Njutånger Enånger Delsbo Norrbo Forsa Hög
Żona agrikola tas-sottoreġjun 5		**72 300 ha**

ANNESS II

	L-għajnuna medja massima annwali għal perjodu ta' ħames snin mill-1 ta' Jannar 2018 sal-31 ta' Diċembru 2022 (f'miljuni SEK)	In-numru massimu annwali tal-fatturi jew tal-ammonti ta' produzzjoni eliġibbli [1]
Ħalib tal-baqra u għajnuna għat-trasport tal-ħalib tal-baqra		450 000 000 kg
Mogħoż, ħnieżer għall-qatla, ħnieżer nisa, tiġieġ tal-bajd		17 000 LU
Frott artab, ħaxix u patata		3 660 ettaru
GĦAJNUNA TOTALI	422,92 [2]	

[1] Rati tal-konverżjoni f'unitajiet ta' bhejjem (LU): Mogħża hija 0,15 LU, ħanzir għall-qatla hu 0,10 LU, ħanżira mara hija 0,33 LU, u tiġieġa tal-bajd hija 0,01 LU.

[2] Li minnhom jista' jingħata appoġġ massimu ta' SEK 395,9 miljun għall-kategorija ħalib tal-baqra u għajnuna għat-trasport tal-ħalib tal-baqra.